# Il-Festa fiż-Żmien

LINO BARTOLO

Tajjeb li wieħed jiftakar kif fl-Imsida konna niċċelebraw il-festa tagħna madwar 50 sena ilu. L-affarijiet kienu differenti ħafna minn tal-lum u n-nies ta' l-Imsida kienu jkunu jistennew dan l-avveniment annwali b'ħerqa. Illum xieraq li nitkellmu fuq kif kienet issir il-festa ġewwa il-Knisja.

Il-funzjonijiet tal-Knisja kienu xi ftit differenti. Il-festa kienet tibda bil-ħruġ tal-vara li kien isir ġewwa madwar il-knisja wara l-quddiesa tal-Ħadd fil-11am. It-tnejn u t-tlieta ma kien isir xejn. L-Erbgħa filgħaxija kien jibda t-tridu, bil-kant tal-għasar li għalih fil-kor kienu jkunu preżenti s-saċerdoti Misidjani kollha dak iż-żmien. Wara kienet titkanta l-kompieta (talba ta' għeluq il-jum) issir il-priedka tat-tridu u tingħad il-kurunella u wara bil-mużika ta' Surmast Guzeppi Camilleri titkanta l-Innu u l-Antifona u tingħata l-barka sagramentali. Billi l-quddiesa filgħaxija kien għad mhux permessa, kienet għalhekk issir filgħodu. Għalhekk il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt filgħodu fis-7am kienet issir il-quddiesa kantata, waqt li s-Sibt wara l-quddiesa kien jitkanta it-Te Deum u l-antifona.

Filgħaxija s-Sibt kienet issir t-Transulazzjoni tar-Relikwija, li kienet issir mill-artal ta' Sant Anna u toħroġ iddur fuq iz-zuntier mill-bieb tal-ġenb għall-bieb tan-nofs. Kienu jieħdu sehem il-fratelli tat-Terz Ordni Frangiskan waqt sitta mis-sacerdoti kienu jilbsu il-kappep għall-Għasar. Il-funzjoni kienet titmexxa jew mill-Isqof jew minn Monsinjur tal-Kattidral. Wara l-Għasar bil-mużika fejn kien jitkanta l-"Laudate Pueri" ta' Mro. Ferdinandu Camilleri, mit-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp kienet tingħad il-kompieta, titkanta l-Litanija tal-Madonna, Salve Regina u tingħata l-Barka Sagramentali.

F'Jum il-Festa l-Ħadd l-ewwel quddiesa kienet tkun fl-4am, u l-quddies l-ieħor fil-5am., fis-6am. Fis-7am. kienet issir quddiesa bit-Tqarbina Ġenerali li fiha kienu jitqarbnu ħafna Misidjani u kienet tingħata tifkira. Fit-8am. quddiesa oħra u fid-9.15am. il-Quddiesa Solenni. Il-kant tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u t-Terza kienu jitkantaw mill-istudenti kapuċċini li kienu jinġiebu apposta. Fil-quddiesa solenni li kienet issir bil-forma liturġika l-antika l-Kappillan kien jassisti fil-quddiesa liċ-ċelebrant bil-kappa. Is-Surmast Guzeppi Camilleri kien idoqq il-Quddiesa l-kbira ta' missieru s-Surmast Ferdinandu Camilleri u kien iġib l-aqwa kantanti bħal Joe Lopez, Joe Harrison u l-Baritonu l-Misidjan Gakki Aloisio flimkien mal-Kor tat-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp il-Ħamrun. Il-Paniġierku dejjem kien isir mill-aqwa predikaturi li kellna fil-ġżejjer maltin. Meta ġieli kien ġie jqaddes l-Arċisqof Gonzi s-Surmast Camilleri kien jieħu qata' għax l-Arcisqof ma tantx kien jieħu gost jisma' dak is-*Sanctus* sabiħ bid-daqq tat-trombi, imma kien jaqla' għajta u jgħaddi kollox wara ftit. Filgħaxija kien jitkanta bil-mużika t-tieni Għasar, it-Talb ta' Għeluq il-Jum u wara toħroġ il-purċissjoni, li fiha kienu jieħdu sehem bil-fratelli tagħhom it-tlett fratellanzi. Il-vara kienet tiġi milqugħa bl-innu popolari mill-banda Victory tal-Mellieħa.

Fid-dħul tal-Purċissjoni li qabel ma kienetx titla n-naħa ta' l-Ursolini kienet

*Ikompli paġna 15.* 

**L-Erbgħa 9 ta' Lulju - L-Aħħar Erbgħa ta' San Ġużepp.**

6.30p.m. Quddiesa ċelebrata minn Kan. On. Dun Manuel Martinelli. Jippriedka Kan. Dun Joseph Bonello.

7.30p.m. Preżentazzjoni tat-Trabi lil San Ġużepp. *Mistiedna speċjalment it-Tfal mill-Parroċċa tagħna mgħammda matul din l-aħħar sena.*

**Il-Ħamis 10 ta' Lulju - Jum it-Tfal.**

6.30 p.m. Quddiesa ċelebrata Dun Glen Buhagiar, saċerdot novell. *Mistiedna speċjalment it-Tfal kollha tal-Parroċċa u l-Ġenituri tagħhom.* Wara l-Quddiesa issir Ċelebrazzjoni fuq iz-zuntier għat-Tfal.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju - Jum l-Imsida.**

6.30 p.m. Quddiesa ċelebrata mill-Kappillan Dun Emmanuel Camilleri. *Mistiedna speċjalment il-Membri tal-Kunsill Lokali Msida u l-Membri tal-Għaqdiet Soċjali tal-Parroċċa.*

**Is-Sibt 12 ta' Lulju - Jum id-Djakonija u l-Familja.**

5.15p.m. Quddiesa ċelebrata minn Mons. Bernard Gafa'. *Mistiedna speċjalment Persuni bi Bżonnijiet Speċjali u l-Membri tal-Kummissjoni Djakonija.*

6.30p.m. Quddiesa ċelebrata minn Mons. Joseph Bajada. *Mistiedna speċjalment il-Koppji Miżżewġin residenti fil-Parroċċa li matul din l-aħħar sena ċċelebraw l-10, il-25 u l-50 sena ta' Żwieġ Nisrani.*

*Programm ikompli paġna 16.*

*Ikompli minn paġna 15.*

titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Bil-Konċilju Vatikan tbiddlu ħafna l-funzjonijiet tal-Knisja u ġie mdaħħal il-Malti fil-Liturġija. L-Imsida llum tista' tiftaħar li kienet minn ta' quddiem li qalbet ħafna mill-mużika għall-malti. Kienet il-Kummissjoni Amministrattiva li meta s-Surmast Guzeppi Camilleri ma baqax jieħu ħsieb l-mużika, ġie mitlub s-Surmast Carmelo Zammit li kiteb mużika ġdida għall-festa fosthom antifona mill-isbaħ. Huwa kien irregala din il-mużika lill-Knisja u b'hekk għandna xi ħaġa li titkanta fil-Knisja tagħna biss. Iż-żmien inbidel, dak iż-żmien il-Knisja kienet tkun mballata bin-nies għal dawn iċ-ċelebrazzjoniet u ħafna kienu jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u għat-Tqarbin. Għall-qrar kienu jinġiebu diversi konfessuri barranin li kienu jqarru kemm fil-konfessjonarji kif ukoll fis-Sagristija. Għall-qrar in-nies kienet tkun bil-*queue*. Il-vara ta' San Ġużepp kienet tkun imdawra b'bukketti mill-isbaħ (magħrufa tat-tromba) magħmula minn sempreviva mill-isbaħ imqegħdin fuq l-ixkora bit-tafal malti. Dawn kienu jingħataw bħal-lum mill-każini, għaqdiet u ndividwi tal-Parroċċa. Ħasra li din is-sengħa illum spiċċat. Tkun xieraq li sena oħra naraw it-tibdil fil-festa esterna li sar maż-żmien ❋